

Brussell, 1 ta' Ġunju 2017  
(OR. en)

9901/17

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2015/0287 (COD)**

---

**JUSTCIV 137**  
**CONSOM 246**  
**DIGIT 157**  
**AUDIO 84**  
**DAPIX 224**  
**DATAPROTECT 111**  
**CULT 83**  
**CODEC 968**

**NOTA**

---

minn:	il-Presidenza
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	9641/17 + ADD 1
Nru dok. Cion:	15251/15
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw il-kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali (L-ewwel qari) - Approċċ ġenerali

---

**I. INTRODUZZJONI**

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw il-kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali ("id-Direttiva proposta", "id-Direttiva") ġiet ippreżentata fid-9 ta' Diċembru 2015<sup>1</sup> bħala parti mill-"Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa".

Il-proposta hi bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għalhekk hi soġġetta għall-proċedura legiſlattiva ordinarja.

---

<sup>1</sup> Dokument 8672/15.

L-għan tad-Direttiva proposta huwa li tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern billi tintroduċi qafas aktar armonizzat ta' regoli tal-liġi kuntrattwali tal-UE dwar kuntratti min-negozju għall-konsumatur għall-provvista ta' kontenut diġitali u servizzi diġitali, b'mod partikolari regoli dwar ir-rimedji li jkollu l-konsumatur f'każ ta' nuqqas ta' konformità jew nuqqas ta' provvista ta' kontenut diġitali jew servizzi diġitali. Id-Direttiva proposta għandha l-għan li tipprovdi livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u aktar ċertezza legali bl-għan li l-konsumaturi Ewropej ikollhom aktar fiduċja fix-xiri transfruntier u bil-ħsieb li jsir aktar faċli għan-negozji, speċjalment l-intrapriżi żgħir u ta' daqs medju (SMEs), biex ibiegħu madwar l-UE kollha.

Il-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) kellu dibattiti ta' orjentazzjoni dwar din il-proposta f'Marzu (dok. 6150/16), Ġunju (dok. 9768/16) u Diċembru 2016 (dok. 14827/16). F'Marzu 2017 ġie ppreżentat rapport ta' progress lill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) (dok. 7429/17).

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu dwar id-Direttiva proposta fis-27 ta' April 2016.

Il-Presidenza Maltija rrikonoxxiet l-importanza ta' dan il-fajl bħala parti mill-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali, li hi prijorità għall-Kunsill ukoll.

Abbażi tal-linji gwida politiċi approvati mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) f'Ġunju 2016 (dok. 9768/16) u r-riżultati tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) f'Diċembru 2016, il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji ta' Dritt Ċivili (Liġi Kuntrattwali) kompla bid-deliberazzjonijiet tiegħu dwar id-Direttiva proposta b'mod intensiv.

Fid-dawl tal-progress sostanzjali li sar fid-diskussjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma dwar Materji ta' Dritt Ċivili (Liġi Kuntrattwali), il-Presidenza hi tal-opinjoni li issa jista' jinkiseb approċċ ġenerali dwar it-test tal-Artikoli u għadd ta' premessi importanti tad-Direttiva proposta. Filwaqt li jidher li ser ikun hemm ftehim ġenerali dwar it-test tal-Artikoli u ċerti premessi tad-Direttiva futura kif stipulat fl-Addendum 1 għal din in-nota, il-kumpliment tal-premessi ser ikunu soġġetti għal aktar diskussjonijiet u ser jiġu ffinalizzati kemm jista' jkun malajr wara l-approvazzjoni mill-Kunsill tal-approċċ ġenerali.

Fil-31 ta' Mejju 2017, il-Coreper esprima appoġġ ġenerali għall-kompromess ippreżentat mill-Presidenza (l-elementi prinċipali tal-pakkett ta' kompromess huma deskritti fl-Anness għal din in-nota) u ddeċieda li jippreżenta l-pakkett ta' kompromess kif jinsab fl-Addendum 1 għal din in-nota lill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fit-8 u d-9 ta' Ġunju 2017 għall-approvazzjoni bħala l-approċċ ġenerali tal-Kunsill.

L-elementi tat-test ta' kompromess għandhom jitqiesu bħala pakkett globali li għandu l-għan li jistabbilixxi reġim ibbilanċjat ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u li joħloq ambjent li jiffavorixxi n-negozju għall-impredituri tal-UE. Il-kompromess jipprevedi wkoll bilanċ delikat bejn il-pożizzjonijiet differenti tal-Istati Membri.

## **II. KONKLUŻJONI**

B'kont meħud tal-importanza li jinżamm dan il-bilanċ delikat, il-Kunsill huwa mistieden:

- (a) japprova bħala pakkett ta' kompromess l-abbozz ta' approċċ ġenerali li jinsab fl-Addendum 1 għal din in-nota,
- (b) jieħu nota li l-bqija tal-premessi ser jiġu ffinalizzati fil-livell tekniku mill-aktar fis possibbli wara l-Kunsill, u
- (c) jieħu nota li dan it-test ser jikkostitwixxi l-bażi għan-negozjati mal-Parlament Ewropew għal qbil fl-ewwel qari.

## ELEMENTI PRINĊIPALI TAL-PAKKETT TA' KOMPROMESS

### A. Kamp ta' Applikazzjoni

#### *(a) Data personali*

B'rikonoxximent tal-valur ikbar li għandha d-data personali f'mudelli ta' negozju moderni, mill-bidu nett tan-negozjati inħass b'mod ġenerali li jenħtieġ li l-konsumatur ikun intitolat għal rimedji kuntrattwali f'każ ta' nuqqas ta' konformità jew nuqqas ta' provvista mhux biss skont kuntratti fejn il-konsumatur iħallas prezz għall-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali, iżda wkoll taħt kuntratti fejn il-konsumatur jipprovdi data personali lill-fornitur. Fl-istess ħin, matul id-diskussjonijiet saret enfasi fuq l-importanza li jiġi żgurat li kwalunkwe interferenza fl-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali, b'mod partikolari tar-Regolament Ġenerali tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-Data ("GDPR") għandha tiġi evitata.

Fid-dawl ta' dan, u b'kont meħud tal-opinjonijiet bil-miktub li ngħataw mis-Servizz Legali tal-Kunsill<sup>2</sup> u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data<sup>3</sup>, it-test ta' kompromess tal-Presidenza jinkludi taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva proposta l-kuntratti kollha għall-provvista ta' kontenut diġitali jew servizzi diġitali, bl-eċċezzjoni ta' dawk fejn il-konsumatur la jħallas prezz u lanqas ma jipprovdi ebda data personali lill-fornitur.

---

<sup>2</sup> Dokument 15287/16.

<sup>3</sup> Dokument 7369/17.

Bl-għan li jinkiseb bilanċ bejn l-interessi tal-konsumaturi u dawk tan-negozji, kien importanti għal bosta delegazzjonijiet li d-Direttiva ma tapplikax għal sitwazzjonijiet fejn ma jsir l-ebda użu kummerċjali tad-data personali tal-konsumatur min-naħa tal-fornitur. Għalhekk, skont it-test ta' kompromess tal-Presidenza, id-Direttiva proposta mhijiex ser tapplika meta d-data personali tiġi pproċessata esklużivament mill-fornitur għall-provvista tal-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali, jew biex il-fornitur jikkonforma mar-rekwiżiti legali li jkun soġġett għalihom, u l-fornitur ma jipproċessax id-data b'xi mod ieħor.

It-test ta' kompromess jiċċara wkoll b'mod espliċitu li kwalunkwe pproċessar ta' data personali fil-kuntest ta' kuntratt għall-provvista ta' kontenut diġitali jew servizz diġitali jrid jikkonforma mal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali u li, f'każ ta' kunflitt, tipprevali l-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali.

### ***(b) Kontenut diġitali integrat***

Rigward il-kontenut diġitali li jagħmel parti minn prodott b'mod li dan il-prodott ma jkunx jista' jopera jew iwettaq il-funzjonijiet prinċipali tiegħu fin-nuqqas ta' dan il-kontenut diġitali ("kontenut diġitali integrat"), il-maġġoranza kienu tal-fehma li jkun aktar adatt li r-regoli li japplikaw għall-prodotti jiddeterminaw ir-rimedji tal-konsumatur f'każ ta' nuqqas ta' konformità jew nuqqas ta' provvista ta' dawn il-prodotti u tas-software integrat.

Għaldaqstant, il-kompromess tal-Presidenza jeskludi l-kontenut diġitali integrat mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva proposta.

***(c) L-OTTs u r-relazzjoni mar-regoli dwar it-telekomunikazzjoni***

Fid-dawl tas-suq li qed jevolvi ta' applikazzjonijiet u servizzi diġitali ġodda li jipprovdu servizzi ta' komunikazzjoni u messaġġi interpersonali tat-tip "over-the-top" (OTT) fuq l-Internet, li jwassal biex aktar konsumaturi jużaw dawn is-servizzi bħala mezz ta' komunikazzjoni ppreferut mis-servizzi ta' telekomunikazzjoni tradizzjonali, tqies li jeħtieġ li tiġi pprovduta protezzjoni effettiva tal-konsumatur fir-rigward ta' dawn is-servizzi emerġenti.

Għaldaqstant, il-kompromess tal-Presidenza jirrifletti d-deċiżjoni ta' politika meħuda mill-Grupp ta' Ħidma biex il-konsumaturi li jużaw l-OTTs jingħataw ir-rimedji għan-nuqqas ta' provvista u n-nuqqas ta' konformità previsti mid-Direttiva proposta.

***(d) Pakkett ta' kuntratti***

Fir-rigward tal-pakketti ta' kuntratti li fihom elementi ta' provvista ta' kontenut diġitali jew servizz diġitali u elementi tal-provvista ta' servizzi jew prodotti oħra, il-kompromess tal-Presidenza jissuġġerixxi li d-Direttiva proposta għandha tapplika biss għall-elementi tal-kuntratt li jikkonċernaw il-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali. Kwalunkwe effett li jista' jkollha t-terminazzjoni tal-element tal-pakkett li jikkonċerna l-kontenut diġitali jew s-servizz diġitali fuq l-elementi l-oħrajn tal-pakkett ta' kuntratti, jitħalla għal-liġi nazzjonali.

Madankollu, peress li s-servizzi ta' telekomunikazzjoni tradizzjonali diġà huma rregolati ħafna, b'eċċezzjoni, l-Artikolu 16 tad-Direttiva (li jipprevedi d-drittijiet tal-konsumaturi li jidterminaw il-kuntratti fit-tul) ma għandux japplika f'każijiet fejn il-pakkett ta' kuntratti jinkludi elementi tas-servizzi ta' telekomunikazzjoni tradizzjonali (is-servizz ibbażat fuq numru). F'każijiet bħal dawn, ir-regoli tal-UE dwar it-telekomunikazzjoni japplikaw għal dawn il-pakketti ta' kuntratti.

## **B. Kriterji ta' konformità**

Skont id-direzzjonijiet mogħtija mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarjiet Interni) f'Ġunju u Diċembru 2016, il-kompromess tal-Presidenza jipprevedi bilanċ bejn il-kriterji ta' konformità "*soġġettivi*" (jiġifieri kriterji maqbula fil-kuntratt) u l-kriterji ta' konformità "*oġġettivi*" (jiġifieri dawk stipulati bil-liġi).

It-test ta' kompromess tal-Presidenza jiċċara wkoll li hi kwistjoni ta' nuqqas ta' konformità jekk il-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali ma jikkonformax mad-drittijiet ta' partijiet terzi, b'mod partikolari dawk relatati mal-proprietà intellettwali, u li, f'każ ta' ksur ta' dawn id-drittijiet, għandhom jiġu applikati r-rimedji għal nuqqas ta' konformità previsti mid-Direttiva dment li l-liġi nazzjonali ma tipprevedix in-nullità jew it-tħassir tal-kuntratt bħala rizzultat ta' dan il-ksur.

## **C. Rimedji**

### ***(a) Rimedji għal nuqqas ta' provvista***

Bl-għan li jiġu ppreservati kemm l-interessi tal-fornituri kif ukoll dawk tal-konsumaturi, il-kompromess tal-Presidenza dwar ir-rimedji għan-nuqqas ta' provvista jinkludi l-obbligu prinċipali tal-konsumatur li jagħti lill-fornitur opportunità oħra biex jipprovdi l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali. Madankollu, dan hu soġġett għal salvagwardji li jippermettu li f'ċerti sitwazzjonijiet, il-konsumatur jitermina l-kuntratt immedjatament mingħajr ma jagħti opportunità oħra lill-fornitur.

### ***(b) Rimedji għal nuqqas ta' konformità***

Bl-għan li jiġu rrispettati s-sistemi differenti tal-Istati Membri, u biex jinżamm bilanċ ġust bejn l-interessi tal-konsumaturi u dawk tal-fornituri, it-test ta' kompromess tal-Presidenza, għall-kuntrarju tal-proposta tal-Kummissjoni, ma jipprevedix ġerarkija stretta tar-rimedji f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità, iżda jippermetti aktar flessibilità fl-aċċess għar-rimedji differenti (konformità, tnaqqis fil-prezz, terminazzjoni tal-kuntratt) billi jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-użu tar-rimedji differenti.

#### **D. Skadenzi għar-responsabbiltà tal-fornitur għan-nuqqas ta' konformità u l-inverżjoni tal-oneru tal-provi**

Fir-rigward tal-iskadenzi għar-responsabbiltà tal-fornitur għan-nuqqas ta' konformità u l-iskadenza relatata għall-inverżjoni tal-oneru tal-provi (l-Artikoli 9a u 10), il-fehmiet tal-Istati Membri kienu jvarjaw ħafna. Jenħtieġ għalhekk li t-test tal-Presidenza dwar dawn id-dispożizzjonijiet jitqies bħala parti minn kompromess ġenerali li jipprova japprossimizza kemm jista' jkun il-fehmiet diverġenti u li jiddependi fuq l-ispirtu ta' kompromess u l-konċessjonijiet tad-delegazzjonijiet b'rabta ma' partijiet oħra tal-pakkett ta' kompromess.

Meta jiġi kkunsidrat li hemm kunċetti differenti ħafna fil-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri b'rabta mal-perijodi ta' garanzija u l-perijodi ta' preskrizzjoni, il-kompromess tal-Presidenza kellu jaċċetta li ma kienx ser ikun possibbli li jiġu previsti regoli kompletament armonizzati fir-rigward tal-iskadenzi. Għalhekk, biex jinkisbu l-objettivi tad-Direttiva proposta, il-kompromess tal-Presidenza jipprevedi, fl-Artikolu 9a, li kwalunkwe perijodu ta' garanzija jew ta' preskrizzjoni previst skont il-liġi nazzjonali għar-responsabbiltà tal-fornitur f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità (espress fi kliem sempliċi) ma jistax ikun iqsar minn sentejn.

Fir-rigward tal-perijodu għall-inverżjoni tal-oneru tal-provi (l-Artikolu 10 (1a)), il-Presidenza tipproponi perijodu ta' sena bħala kompromess bejn daww id-delegazzjonijiet li jippreferu perijodu qasir ta' sitt xhur, daww li jippreferu perijodu ta' sena u daww li jixtiequ jallinjaw dan il-perijodu mal-iskadenza ta' sentejn prevista fl-Artikolu 9a.

#### **E. Drittijiet oħra tal-konsumatur**

It-test ta' kompromess dwar l-Artikoli 15 u 16 li jipprevedi d-drittijiet tal-konsumatur f'każ ta' modifika tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali mill-fornitur, u d-dritt tal-konsumatur li jitermina l-kuntratt fil-każ ta' kuntratti fit-tul, huma elementi importanti ta' pakkett ibbilanċjat li jipproteġi lill-konsumaturi milli jintrabtu ma' kuntratt modifikat jew kuntratt fit-tul li ma jkunux iridu aktar.